MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2014

Appell Kriminali Numru. 481/2011

Appell Nru: 481/2011

Il-Pulizija

Vs

Victor Sammut

Illum 8 ta’ Mejju, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellat Victor Sammut, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli :

Fl-24 ta’ Jannar, 2009 ghal-habta tal-11 :00 ta’ filghodiu u fix-xhur precedenti, gewwa 156, Triq San Gaetano, Hamrun jew/u f’xi bnadi ohra f’Malta, f’ hinijiet differenti, b’diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda ;

a) ghamel lottu klandestin gew gabar il-flus tal-gugati fuhu, jew b’xi mod ghen jew hajjar f’daqsekk ;

b) ghamilha ta' ricevitur ta' gugati tal-lottu meta ma kienx awtorizza ghal daqsekk mill-Ministru responsabbli ghall-Finanzi ;
c) biegh jew offra ghall-bejgh biljetti tal-Lottu Pubbliku minn postijiet mhux licenzjati ghal dan il-ghan.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjs li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ki fukoll tordna l-konfiska tal-oggetti u l-flejjes kollha esebiti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Novembru, 2011 fejn sabet lil appellat hati tal-akkuzi kollha skond l-artikoli 12, 13 u 14 ta' l-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku 1932, Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li rat l-artikoli citati ikkundannat lill akkuzat ghall-piena ta' Euro 2400 bhala multa oltre l-konfiska tal-flus u l-oggetti kollha ezebiti skond l-anness ricevuta.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Novembru, 2011 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma is-sentenza appellata fis-sens illi :

a. tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat hati ta' l-akkuzi kollha kif migjuba kontr tieghu, filwaqt li

b. tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti fejn ikundannat lill-appellat ghall-piena ta' multa ta' elfejn u erba mitt Ewro (€2,400), pagabbli b'rati mensili ta' €100, u minflok tinfliggi piena fil-parametri skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravju tal-Avukat Generali li huwa is-segwenti :

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f'illi l-piena erogata mill-ewwel Onorabbli Qorit ma kienitx fix-xorta jew kwantita` taghha dik ikkontemplata fil-ligi, in partikolari ghall-ewwel akkuza kif migjuba kontra l-imputata, li taqra:-

*'a. ghamel lottu klandestin gew gabar il-flus tal-gugati fuhu, jew b'xi mod ghen jew hajjar f'daqsekk ;'*

Din l-akkuza ghandha l-bazi taghha fl-artikoli 12(1) u (2) tal-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku (Kap. 70 tal-Ligijiet ta' Malta). L-Artikolu 12(1) jistipola li:

> ***'12.*** *(1) Il-lottu klandestin, ikun li jkun il-mod li bih u l-isem li taħtu jsir, hu ipprojbit. Din il-projbizzjoni tgħodd fil-każ ta' kull lottu klandestin li jsir b'wegħdiet lill-ġugaturi ta' premjijiet ta' flus jew ta' ħaġ'oħra, jew bil-mezz ta' ġbir jew ta' sottoskrizzjonijiet ta' ġugati fuq komunikazzjonijiet ta' numri li jaqblu ma' dawk tal-lottu pubbliku jew li jkunu bħalhom.'*

Illi inoltre, l-artikolu 12(2) tal-imsemmi Kap. 70 jistipola l-piena li ghandha tinghata fir-rigward ta' kull min jinstab hati ta' dan ir-reat :

> *(2) Kull min jagħmel lottu klandestin jew jiġbor il-flus tal-ġugati fuqu kif jingħad hawn fuq, u kull min b'xi mod igħin jew iħajjar f'daqshekk, jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux anqas minn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75) u mhux iżjed minn sitta u erbgħin elf, ħames mija u sebgħa u tmenin euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (46,587.47) u l-priġunerija għal żmien ta' minn sitt xhur sa tnax-il xahar.*

Illi b'hekk a tenur ta' l-Artikolu 12(2) tal-imsemmi Kap 70, il-piena ta' prigunerija hija wahda tassatorja, u dan ghax l-imsemmi artikolu jistipola li l-piena hija ta' '*multa ta' mhux anqas minn.. u l-prigunerija ghal zmien ta' …'.*

B'hekk, l-esponent jissottometti illi l-Ewwel qorit kienet zbaljata fil-piena erogata fil-kaz in dezamina u dan ghax ma kkundannatx lill-appellat ghall-piena ta' prigunerija skon l-istess Artikolu 12(2) tal-Kap. 70 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll in vista` tal-fatt li l-multa imposta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti tmur ferm taht il-minimum mitlub fil-ligi.

Illi inoltre l-piena erogata fir-rigward tat-tieni u tat-tielet akkuza li skond l-ewwel Qorti gew ammessi mill-akkuzat fil-11 ta' Novembru, 2011 u cioe` fl-istess seduta fejn din l-istess kawza giet deciza, huma regolati mill-artikoli 13 u 14 tal-Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta' Malta li jinqraw kif gej :

> ***'13.*** *(1) Ħadd ma jista', jekk ma jkunx awtorizzat għaldaqshekk mill-Ministru responsabbli għall-finanzi, taħt ebda titolu jew b'ebda mod, jagħmilha ta' riċevitur ta' ġugati tal-lottu.*
>
> *(2) Kull min jikser id-disposizzjoni tas-subartikolu (1) jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u*

> *tmenin ċenteżmu (11,646.87) jew il-priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa tnax-il xahar jew dawn iż-żewġ pieni tal-multa u tal-priġunerija flimkien.*
>
> ***14.** (1) Ħadd ma jista' jbigħ jew joffri għall-bejgħ biljetti tal-lottu pubbliku f'ebda post li ma jkunx maħtur għaldaqshekk.*
>
> *(2) Kull min jikser id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux anqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) u mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87).'*

Illi kwindi huwa evidenti wkol li l-pioena kif moghtija indubjament mijiex sufficjenti biex tissodisfa d-dettami u l-parametri tal-ligi u in oltre lanqas ma jidher illi gie applikat l-artikolu 21 tal-Kapitolu 9 li jippermetti lil Qorti li tmur taht il-minimum preskritt fil-piena bil-kundizzjoni li jkun hemm cirkostanzi straordinarji, u liema cirkustanzi ghandhom jigi specifikati fis-sentenza tal-Qorti. B'hekk is-semplici presunzjoni tal-applikazzjoni ta' dan l-artikolu mhuwiex sufficjenti lanqas.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li ghal habta tas-sbatax (17) ta' Lulju tal-elfejn u tmienja (2008) il-pulizija kienu gew infurmati li Victor Sammut kien allegatament jikkonduci lottu klandestin fi Triq San Gajtanu, il-Hamrun. Il-pulizija ottjenew mandat ta' arrest u tfittxija skont il-ligi fil-konfront tal-imputat liema mandat gie esegwit fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar elfejn u disgha (2009). Malli sar l-arrest l-imputat ammetta li kien qed jorganizza lottu klandestin u wara t-tfittxija li saret gewwa l-fond 156, Triq San Gajtanu, il-Hamrun, kif ukoll mill-vettura tal-imputat u fuq il-persuna tieghu, diversi dokumenti relatati ma' lottu klandestin gew sekwestrati mill-pulizija. Ghaldaqstant, l-imputat tressaq il-Qorti bl-akkuzi kif migjuba kontrih fejn wara li ammetta t-tieni u t-tielet akkuza fis-seduta tal-hdax (11) ta' Novembru, l-ewwel Qorti ghaddiet biex sabitu hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu u immultatu ghal elfejn u erba' mitt ewro (€ 2,400) pagabbli b'rati mensili ta' mitt ewro (€ 100).

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza peress illi deherlu illi l-piena erogata mill-ewwel Qorti ma kinitx fix-xorta jew il-kwantità taghha dik kontemplata fil-ligi. In sostenn ikkowota l-artikolu 12(2) tal-Ordinanza Dwar il-Lottu Pubbliku, Kap. 70 tal-Ligijiet ta' Malta illi jiddisponi

illi l-persuna li tinsab hatja tehel multa ta' mhux anqas minn erbat elef sitt mija tmienja u hamsin ewro u hamsa u sebghin centezmi (€ 4,658.75c) u mhux izjed minn sitta u erbghin elf hames mija sebgha u tmenin ewro u sebgha u erbghin centezmi (€ 46,585.47c) u l-prigunerija ghal zmien ta' minn sitt (6) xhur sa tnax-il (12) xahar. B'hekk argumenta, illi skont dan l-artikolu l-piena ta' prigunerija hija wahda tassattiva meta l-artikolu jistipula li l-piena hija ta' "multa ta' mhux anqas minn ... u l-prigunerija ghal zmien ta' ...". B'hekk l-ewwel Qorti kienet zbaljata fil-piena erogata u talab riforma tas-sentenza appellata.

Ghal dan l-argument l-appellat wiegeb illi l-ewwel Qorti sabet htija biss ghal dak li jirrigwarda l-akkuzi intestati "B" u "C" u issottomettiet illi ma kienx hemm prova ghal dak li jirrigwarda l-ewwel akkuza minhabba dak li irrimarkat l-istess Qorti li kienet qieghda tiskarta l-istqarrija rilaxxata mill-appellat minhabba kwistjoni ta' dritt ta' avukat. Skont l-appellat l-ewwel Qorti kellha f'mohhha li biss issib htija ghal dak li jikkoncerna l-ahhar zewg akkuzi u mhux l-akkuzi kollha li ngabu fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat:

Jinghad mill-bidunett illi l-ewwel Qorti ghamlet zball meta skartat l-istqarrija. Dana fl-isfond tal-ahhar taghlim in materja fejn mhux kull stqarrija mhux assistita minn avukat awtomatikament ghandha tigi skartata. Izda l-Qorti kellha tara kemm il-persuna fehem id-drittijiet taghha kif moghtija mill-pulizija, kif ukoll kemm setghet kienet vulnerabbli bil-fatt illi kien qieghed jigi interrogata mill-pulizija. Veru wkoll illi dan it-taghlim ifisser li l-istqarrija ma tistax tittiehed "in isolation" izda fl-isfond tal-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni. F'dan il-kaz però ma sarx appell mill-fatt illi l-ewwel Qorti skartat l-istqarrija. Però kuntrarjament ghal dak illi gie allegat mid-Difiza, l-ewwel Qorti sabet htija mhux biss fuq l-akkuzi intestati "B" u "C" izda ukoll ghall-ewwel akkuza intestata "A". Tant hu hekk illi fil-kunsiderazzjonijiet taghha, il-Qorti qalet illi "... irrizulta ampjament ippruvat illi l-akkuzat ikkommetta dak kollu addebitat lilu." Ukoll, "Ghalhekk issib lill-akkuzat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu." Kwindi ma hemmx dubbju illi l-ewwel Qorti sabet lill-appellat hati tal-akkuzi kollha u mhux ta' tnejn biss. Dan ifisser kwindi illi l-Avukat Generali ghandu ragun fl-appell tieghu u l-ewwel Qorti erogat piena ferm anqas mill-minimu stabbilit mil-ligi.

Din il-Qorti ma tistax tiehu bis-serjetà l-argument tal-appellat meta jghid illi li kieku l-ewwel Qorti riedet issib lill-appellat hati tal-ewwel akkuza allura kienet tiddikjara z-zewg akkuzi l-ohra bhala assorbiti u involuti fl-ewwel akkuza minhabba n-nexus guridiku u minhabba li huma reati minuri. Din il-Qorti tirrileva illi l-asserzjoni hija wahda ipotetika li ma tistax tikkunsidra aktar u aktar meta l-ewwel Qorti kienet cara fir-ragunament taghha illi kienet qieghda ssib htija ghal dak li jirrigwarda l-akkuzi kollha dedotti kontra l-appellat.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat hati tal-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu, tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellat ghall-piena ta' multa ta' elfejn u erba' mitt ewro (€ 2,400) pagabbli b'rati mensili ta' mitt ewro (€ 100) u minflok tinfliggi piena ta' multa ta' erbat elef sitt mija tmienja u hamsin ewro u hamsa u sebghin centezmi (€ 4,658.75c) u inoltre tikkundanna lill-appellat ghal piena ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur, b'dana però wara li rat l-artikolu 28(A) tal-Kap. 9 tordna li dan it-terminu jkun sospiz ghal tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------